MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 1003/2014

**Paul Bonello (ID 288460M) bhala prokuratur tal-assenti hutu Anthony Bonello u Ignazio Bonello**

**vs**

**Julian Bonello**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Paul Bonello (ID 288460M) bhala prokuratur tal-assenti hutu Anthony Bonello u Ignazio Bonello datat 11 ta’ Novembru 2014 fejn bir-rispett u bil-gurament jikkonferma s-segwenti:

Illi fit-30 ta' Mejju 2002, miet fil-Pieta' Carmelo Bonello, missier il-partijiet, li permezz tal-ahhar testment tieghu tat-28 ta' Awwissu 2001 in atti Nutar Clyde La Rosa, halla l-uzufrutt tal-assi tieghu kollha lil martu Carmela Bonello, innomina bhala eredi universali tieghu lil uliedu Joseph, Maria Catania, Salvina *sive* Sylvia Vella, Emanuel, Anthony, Giuliano, Victor, Ignazio, Helen Zarb, Rita Gauci, Doreen Debono, George u Paul ahwa Bonello, u halla b'titolu ta' prelegat a favur ibnu Anthony Bonello n-nuda proprjeta' tan-nofs indiviz tad-dar jisimha 'Jimmy House' fi Triq Ross, San Giljan, liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha, inkluza l-bitha retroposta, sottoposta ghall-proprjeta' ta' terzi, liema dar tikkonfina minn Nofsinhar ma’ Triq Ross, mill-Punent ma’ proprjeta' ta' Antonio Baldacchino u mil-Lvant ma’ proprjeta' ta' Dolores Bonello.

Illi fit-8 ta' Novembru 2012, mietet Carmela Bonello, omm il-partijiet, li permezz tal-ahhar testment taghha tat-28 ta' Awwissu 2001 u iehor tad-9 ta' Frar 2009, it-tnejn in atti Nutar Clyde La Rosa, innominat bhala eredi universali taghha lil uliedha Joseph. Maria Catania, Salvina *sive* Sylvia Vella, Emanuel, Anthony, Giuliano, Victor, Ignazio, Helen Zarb, Rita Gauci, Doreen Debono, George u Paul ahwa Bonello, u halliet b'titolu ta' prelegat a favur binha Ignazio Bonello n-nofs indiviz tad-dar jisimha 'Jimmy House' fi Triq Ross, San Giljan.

Illi wara sejha mir-rikorrenti biex l-eredi jimmittuhom fil-pussess tal-prelegat mholli lilhom, permezz ta' zewg kuntratti, l-ewwel wiehed tal-14

ta' Gunju 2014 u t-tieni wiehed tat-28 ta' Gunju 2014, iz-zewg kuntratti in atti Nutar Maria Aquilina, l-eredi kollha - hlief l-intimat Julian Bonello - immittew lil Anthony u Ignazio ahwa Bonello fil-pussess tal-legat tal-fond fuq imsemmi "Jimmy House". Triq Ross, San Giljan, filwaqt illi l-intimat Julian Bonello rrifjuta li jersaq ghall-kuntratt tal-immissjoni tal-pussess u hedded illi jekk ma jithallasx s-somma ta' €11,646 (ekwivalenti ghall-Lm5,000), huwa mhux ser jersaq ghal tali kuntratt.

Ghaldastant, ir-rikorrenti qed jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-intimat sabiex:

1. Tordna li jsir l-kuntratt relattiv ghall-immissjoni fil-pussess tal-prelegat tan-nofs indiviz lil kull wiehed mir-rikorrenti tal-fond li jgbib l-isem 'Jimmy House' fi Triq Ross, San Giljan, liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, inkluz l-bitha retroposta, sottopost ghal-proprjeta' ta' terzi, liema dar tikkonfina minn Nofsinhar ma’ Triq Ross, mill-Punent ma’ proprjeta' ta' Antonio Baldacchino u mill-lvant ma’ proprjeta' ta' Dolores Bonello f'data, hin u lok li tistabbilixxi din il-Qorti;

2. Tinnomina Nutar sabiex jircievi u jippubblika l-att relattiv u Kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Awwissu 2014 kontra l-intimat, li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-27 ta’ Jannar 2015.

Rat ir-risposta guramentata ta' Julian Bonello datata 22 ta' Dicembru 2014 (fol 25) fejn bil-ġurament tiegħu jikkonferma :

1. IIli l-eccipjenti m'huwiex il-legittimu kontradittur u kwindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-ewwel u konsegwentement it-tieni talba tar-rikorrenti u dana *stante* illi I-eccipjent m'ghandu ebda obbligu fil-Ligi illi jersaq ghall-kuntratt tal-immissjoni fil-pussess tal-prelegat tan-nofs indiviz lil kull wiehed mir-rikorrent tal-fond li jgib l-isem "Jimmy House", fi Triq Ross, San Giljan u dan huwa biss obbligu illi jinkombi fuq I-ezekutur testamentarju li m'huwiex l-eccipjent.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad I-ewwel u konsegwentement it-tieni talba tar-rikorrenti u dana *stante* illi l-istess rikorrenti m'ghandhom l-ebda jedd fil-Ligi illi jressqu t-talbiet kontenuti fir-rikors gurmentat taghhom fil-konfront tal-eccipjent.

Salv eccezzjonijiet ohra skont il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2015 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph

Zammit Maempel ghall-atturi, prezenti Paul Bonello fl-Awla. L-intimat u Dr. Carmel Chircop imsejha tliet darbiet ma dehrux. Il-Qorti tinnota li l-intimat ma pprezentax in-nota msemmija fl-ahhar verbal. Il-Qorti regghet rat l-eccezzjonijiet sollevati u billi t-tielet eccezzjoni hija assorbita fl-ewwel tnejn u mhi qed tissolleva l-ebda punt gdid ta’ fatt jew ta’ ligi u ordnat li ssir trattazzjoni finali fuq il-mertu kollu tal-kawza. Trattazzjoni ta' Dr. Joseph Zammit Maempel giet registrata fuq is-sistema eletronika. F'dan l-istadju dahal il-konvenut Julian Bonello, sprovvist mill-Avukat tieghu. Il-kawza giet posposta. Meta regghet issejhet il-kawza deher Dr. Carmel Chircop u ha konjizzjoni tal-verbal tallum. Dr. Chircop iddikjara li ma giex mahtur ezekutur testamentarju mit-testaturi msemmija fil-kawza, u ghalhekk qed jirtira l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni izda jinsisti li mhux obbligat li jigi ordnat li jiffirma fuq dan il-kuntratt, li hija kostitwita fit-tielet (3) eccezzjoni tieghu. Dr. Chircop iddikjara li l-konvenut huwa eredi ta’ Carmelo u Carmela Bonello, u cioe` l-genituri tieghu. Dr. Chircop fic-cirkostanzi talab li jressaq is-sottomissjonijiet bil-miktub fuq it-tielet (3) eccezzjoni tieghu, u l-partijiet qablu li billi din hija eccezzjoni ta’ natura legali, mhux mehtieg li jitressqu aktar provi, u ghalhekk il-kawza tista’ tibqa’ ghas-sentenza wara l-prezentata tan-noti. Il-Qorti ghalhekk qed tawtorizza lill-intimat biex iressaq in-nota responsiva ghat-trattazzjoni tal-attur sa mhux aktar tard mill-15 ta' April 2015 u l-attur ikollu 15-il gurnata min-notifka ta’ din in-nota biex iwiegeb u bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza finali in difett ostakolu ghat-12 ta' Mejju 2015 fid-9:30a.m.

Rat li ma gietx ipprezentata n-nota awtorizzata fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Marzu 2015.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza ghall-ordni ta' immissjoni fil-pussess tar-rikorrenti, *qua* legatarji ta' nofs(1/2) indiviz kull wiehed tad-dar li jisimha 'Jimmy House' fi Triq Ross, San Giljan, liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghha, inkluza l-bitha retroposta. L-intimat huwa l-ahhar minn fost l-eredi kollha li ghadu ma resaqx fuq att ta' immissjoni fil-pussess.

L-intimat oppona ghat-talba u qajjem eccezzjonijiet preliminari kif ukoll, bit-tielet eccezzjoni, eccepixxa li r-rikorrenti m'ghandhom l-ebda jedd fil-Ligi li jressqu t-talbiet taghhom.

### Fatti

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Il-kontendenti, flimkien ma' ghaxar (10) huthom l-ohra, huma ulied Carmelo u Carmela konjugi Bonello, li mietu rispettivament fit-30 ta' Mejju 2002 u fit-8 ta' Novembru 2012. Il-wirt taghhom kien regolat b'testment *unica charta* in atti Nutar Clyde La Rosa tat-28 ta' Awwissu 2001, kif ukoll b'testment addizjonali ta' Carmela Bonello in atti tal-istess Nutar tad-9 ta' Frar 2009. Carmelo Bonello halla bi prelegat a favur ta' ibnu, ir-rikorrent Anthony Bonello, in-nofs indiviz tad-dar imsemmija, filwaqt li Carmela Bonello halliet b'titolu ta' prelegat favur binha, ir-rikorrent Ignazio Bonello, in-nofs indiviz l-iehor.

B'zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Aquilina rispettivament datati l-14 ta' Gunju 2014 u it-28 ta' Gunju 2014, il-koeredi kollha ghajr ghall-konvenut immittew lir-rikorrenti fil-pussess tal-prelegat taghhom.

**L-ewwel u t-Tieni Eccezzjonijiet Sollevati**

Dawn iz-zewg eccezzjonijiet gew irtirati fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2015 u ghalhekk din il-Qorti mhix ser tiehu aktar konjizzjoni taghhom.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt marbuta mat-Talbiet odjerni.**

Skont **l-artiklu 726 tal-Kodici Civili:**

**"*726.*** *(1) Il-legatarju għandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-ħaġa imħollija legat.*

*(2) Fil-każ ta' beni immobbli l-legatarju jista' jitlob li l-għoti*

*ta' dak il-pussess isir permezz ta' att pubbliku.*

*(3) Kemm-il darba t-testatur ma jkunx iddispona xort'oħra, l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-att għandhom jitħallsu mil-legatarju.*

Illi in materja ta' immissjoni fil-pussess ta' prelegat u nkwantu ghal dak li jirrigwarda l-kawza odjerna, f'diversi sentenzi u fosthom fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' Gunju 2003, fil-kawza fl-ismijiet **"Alden Rose pro et noe et vs Pace Raphael"** tinghata definizjoni ta' prelegat. F'din is-sentenza jinghad illi *"meta jkun aktar minn eredi wiehed id-decujus jista' jhalli lil wiehed oggett specjali bi preferenza fuq*

*l-ohrajn, u dan jissejjah prelegat b'mod illi l-eredi preferit b'dan it-titolu bhala legatarju jakkwista dak biss li l-ko-eredi ghandhom jaghtuh u bhala eredi jakkwista dak li kien dovut lilu stess. "*

Illi f'sentenza ohra aktar ricenti fl-ismijiet **"Buhagiar John et vs Registratur tal-Qorti et"** (P.A. (N.C.) - 4 ta' Gunju 2004, jinghad illi *"il-ligi tipprovdi li kull legat pur u semplici jaghti lill-legatarju d-dritt li jircievi l-haga mhollija lilu b'legat, izda ghalkemm il-proprjeta' tal-legat tghaddi mal-mewt tad-decujus favur il-legatarju, u anke ad insaputa tieghu, il-pussess tal-legat huwa trasferit lill-eredi 'per modum continuationis' u ghalhekk jehtieg it-talba tal-legatarju ghal pussess tal-legat. L-art 726 espressament jiddisponi li "il-legatarju ghandu jitlob lill-werriet il-pussess tal-haga mhollija b`legat. Fil-gurisprudenza l-importanza u l-portata ta' din l-immissjoni fil-pussess hija enfatika u pacifika."* (Appell Civili **"Maurice Busuttil vs Joseph Meli"** 1998 Vol LXXX11.11.674).

Illi f'sentenza ohra fil-kawza **"Ronaldo Wismayer vs Mario Wismayer"** (PA. (WH) (1946) Vol XXXIIC.11.264) il-Qorti osservat li meta l-legatarju jkun wiehed mill-istess werrieta l-formalita' tat-talba ghall-immissjoni fil-pussess hija dejjem mehtiega ghal porzjonijiet li l-legatarju ghandu jiehu minghand il-ko-eredi.

Illi fl-ahharnett fil-kawza fl-ismijiet **"Borg Agnes vs Zammit Charles et"** (P.A. (TM) – deciza fl-20 ta' Mejju 2004), jinghad illi *"il-fatt li l-legatarju jista' gja' jkollu l-pussess fiziku ta' wiehed mill-fondi ma jcahhdux mid-dritt li jitlob l-immissjoni fil-pussess formali, li trattandosi ta' hwejjeg immobbli trid issir b'att pubbliku. Inoltre l-fatt li saru diskussjonijiet bi skop li jintlahaq ftehim, ukoll ma jtellifx dan id-dritt. Il-fatt li xi wiehed mill-werrieta seta' ghamel xi xoghol fil-postijiet a spejjez tieghu, mhux relavanti ghall-fini ta' kawza fejn il-legatarju jitlob l-immissjoni fil-pussess*

*u kwalunkwe xoghlijiet li setghu saru jekk saru, ma ghandux izomm il-legatarju milli jinghata l-pussess tal-legat."*

**Ikkonsidrat li** t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu akkolti. L-intimat ma ta l-ebda raguni ghaliex m'ghandux jersaq ghall-att kif mitlub hlief li "*mhuwiex obbligat"* bil-Ligi. F'dan m'ghandu l-ebda bazi giuridiku kif fuq ribadit. Il-legatarju ghandu dritt jitlob li jigi immess fil-pussess tal-prelegat u l-formalita' tat-talba ghall-immissjoni fil-pussess hija dejjem mehtiega ghall-porzjonijiet li l-legatarju ghandu jiehu minghand il-ko-eredi. Sahansitra anke jekk il-legatarju jkollu l-pussess fiziku tal-legat mhuwiex imcahhad mid-dritt li jitlob l-immissjoni fil-pussess formali li, trattandosi wkoll ta' fond immobbli, jrid isir b'att pubbliku.

L-istess rikorrent, bhala prokuratur tal-assenti legatarji, fl-affidavit tieghu, spjega li l-intimat kien irrifjuta li jersaq ghall-att ta' immissjoni tal-pussess jekk ma jithallasx is-somma ta ' €11,646. Dan ma giex ikkontestat u l-Qorti tista' biss tikkundanna dan l-agir bhala att illegali u abbuziv, li hu xejn inqas minn rikatt, u li ma jaghtix gieh u r-rispett dovut lejn l-ahhar volonta' tal-genituri tal-intimat.

Fid-dawl tal-premess it-tielet eccezzjoni qed tigi michuda.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni aktar tal-ewwel u tat-tieni eccezzjoni tal-intimat billi dawn gew irtirati, **tichad** it-tielet eccezzjoni in kwantu li

din mhix fondata fil-fatt u fid-dritt, u tiddisponi mit-talbiet attrici billi **Tilqa'** t-talbiet kollha skont dan li gej:-

1. **Tilqa'** l-ewwel talba u tordna li jsir l-kuntratt relattiv ghall-immissjoni fil-pussess tal-prelegat tan-nofs indiviz lil kull wiehed mir-rikorrenti tal-fond li jgib l-isem 'Jimmy House' fi Triq Ross, San Giljan, liberu u frank bid-drittijiet u pertinenzi kollha tieghu, inkluz l-bitha retroposta, sottoposta ghall-proprjeta' ta' terzi, liema dar tikkonfina min-Nofsinhar ma' Triq Ross, mill-Punent ma' proprjeta' ta' Antonio Baldacchino u mill-Lvant ma' proprjeta' ta' Dolores Bonello **, liema kuntratt ghandu jigi ppubblikat nhar is-16 ta' Gunju 2015 f'nofsinhar, fl-edificcju tal-Qorti.**

2. **Tilqa'** t-tieni talba attrici u tinnomina lin-Nutar Maria Aquilina sabiex tircievi u tippubblika l-att relattiv u lil Dr. Rachael Bonello bhala kuratur biex tirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

**L-ispejjez tal-kawza u tal-kuratur nominand jithallsu mill-intimat filwaqt li l-ispejjez tal-att ta' immissjoni jkunu a karigu tar-rikorrenti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------